MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 398/2013

Il-Pulizija

(Spettur Victor Aquilina)

vs

**Terry Graham**

iben Joseph, imwieled L-Imtarfa, fil-5 ta' Mejju, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 224876(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Terry Graham quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Marzu, 2008 u fis-sitt xhur ta' qabel:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ Settembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat
it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292 ta' l-1939, l-artikoli 17(f) u (h), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi ma sabitux hati tal-imputazzjoni (a) u lliberatu minnha u kkundannatu ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom u multa ta’ elf u mitt Euro (€1,100), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia is-somma ta’ erba’ mija, seba’ u sebghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€477.88), rapprezentanti drittijiet tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura

tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Terry Graham tat-30 ta’ Settembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi tirriforrnas-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni (a) u fejn sabitu hati tal-imputazzjoni (c) u dik tal-addebitu tar-recidiva (d), filwaqt illi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta'l-imputazzjoni (b) tal-aggravanti li l-pussess ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu, u konsegwentement tilliberah minnha u tvarja l-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema, kif ukoll applikazzjoni erronja tal-ligi, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Fl-ewwel lok jigi umilment sottomess illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatti li mhux biss l-esponent kellu il-vizzju tad-droga u ghaldaqstant ma kienx inverosimili jew improbabli li huwa jkun fl-akkwati tad-Detox minhabba il-vizzju tieghu u mhux biex jittraffika, oltre ghal fatt illi fir-residenza tieghu  nstabu diversi oggetti relatati mal-abbuz u l-konsum tad-droga b'mod illi gham1u l-verzjoni li ta anke bil-gurament, verament attendibli, kif ukoll m' ghamlitx id-distinzjoni sufficjenti bejn zewg stadji li l-Qorti accennat fis-sentenza appellata:

1. kif huwa gie fil-pussess tad-droga u
2. l-aggravanti illi mhux ghal l-uzu esklussiv illi kellhom jigu analizzati b'mod separati u distinti anke ghax principji legali differenti japplikaw.

Ma saret ebda distinzjoni bejn i1-provenjenza tad-droga in kwistjoni u d-destinazzjoni eventwali ta' l-istess. Illi l-aggravanti tal-pussess tikkoncerna l-eventwali destinazzjoni tad-droga in kiwstjoni, u ghaldaqstant, il-provenjenza ta' l-istess hija irrelevanti u m'ghandhiex tigi ikkunsidrata jew awtomatikament meqjusa bhala wahda mic-cirkostanzi li juru nekwivokament id-destinazzjoni eventwali permezz ta' l-

ispacc. Ezempju, fil-kaz ta' persuna li ma tkunx trid tikxef s-supplier taghha, u ghalhekk tibqa ma tizvela qatt minn fejn gabet id-droga li nstabet fuqha, ma tista qatt b' mod awtomatiku tfisser illi dan huwa dovut ghal fatt illi din id-droga kienet intiza sabiex tigi spaccata. Ikun fir-realta jfisser biss illi din il-persuna ma tridtx tikxef minn fejn tkun gabet id-droga.

Illi fit-test ta1-ligi, il-kliem 'f' tali cirkostanzi illi juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv' tirreferi aktar ghall-element intenzjonali milli ghal dak materjali. Hekk taht il- Misuse of Drugs Act,1971' fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa 'possession with intent to supply'. Ghaldaqstant, il-provi u ic-cirkostanzi materjali huma rilevanti biss in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc, u f' dan il-kuntest allura il-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta beyond reasonable doubt illi tali persuna mhux biss ke1lha l-pussess tad-droga IZDA wkoll l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod tikkonsenja minn l-istess droga. F'dan il-kuntest ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Emanuel Delia et, deciza fit- 3.3.1997, fejn i1-Qorti ghamlet referenza ghal cirkosntanza partikolari u rriteniet illi 'ma jidhirx li jista jindika l-intenzjoni ta' spacc.'

Ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacjement ippruvat ir-reat in dizamina, il-Qorti trid, wara li taghnel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi fic-cirkostanzi, tista' safely and satisfactorily tigbed inferenza u tikkonkludi li kien hemm l-intenzjoni pozizttiva u diretta ta' l-ispacc. Mhux kull cirkostanza li tista' twassal ghal suspett hija sufficjenti. B'mod generali l-ligi ma tissanzjonax l-intenzjoni, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant, fl-umli fehma ta' l-esponent, wiehed ghandu jezercita cirkospenzjoni akbar f'kazijiet simili, u dan sabiex ma jinholqux ingustizzji. L-intenzjoni ta' spacc ghandha tirrizulta b' mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment bi frott ta' kongentturi u suppozizijonijiet. L- appellant jissotometti illi fil-kaz odjern, ma hemm ebda cirkostanza mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, li juru l-element intenzjonali tieghu.

F'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmel referenza ghal gudizzju fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Norbert Schembri, per ex Prim Imhallef Dott Vincent De Gaetano, fejn gie ritenut illi minkejja li l-Qorti ma setghetx b'mod konklussiv tiddeciedi li l-pussess ta'

circa ghaxar (10) grammi ma kienx ghal l-uzu esklussiv, pero' meta persuna jkollu certu ammont ta' droga, ir-riskju li l-istess jithajjar jispacca huwa kbir; ghalhekk il-Qorti ghamlet distinzjoni fina bejn kaz fejn l-ammont ta' droga jista jinstab f'cirkostanzi suspettuzi kemm huma suspettuzu pero' mhux indikattivi b' mod konklussi ghal spacc, u minn naha l-ohra bejn kazijiet fejn l-ammont ta' droga, flimkien ma' cirkostanzi ohra illi fl-assjem taghhom mhux biss ikunu suspettuzu izda ma jhallu ebda dubju dettat mir-raguni ta' l-intenzjoni pozittiva diretta ta' spacc.

Ghaldaqtsant, id-dicitura CIRKOSTANZI mhux ekwivalenti ghal suspetti jew cirkostanzi suspettuzi izda ghal INDIKAZZIONI INEKWIVOKA TA' L-INTENZIONI TA SPACC.
Fl-umli fehma ta' l-esponent din is-sentenza titfa dawl fuq id-distinzjoni sottili bejn il-pussess fuq naha, u l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv fuq in-naha l-ohra.

Illi b'referenza ghal post fejn instab l-imputat appellant, u cioe' hdejn id-detox, jigi koncess illi dan il-fatt jista' jkun konducenti ghal suspett, pero' mill-banda l-ohra, ma jrendix il-verzjoni ta' l-appellant inattendibbli u lanqas, dato ma non concesso, illi l-verzjoni moghtja minnu, ghandha tigi skartata, l-post fih innfisu ma jiddenota l-ebda intenzjoni ta' spacc. Fuq kollox persuna li ghad ghandha problema ta' droga, u li fil-fatt ghadha tabbuza mid-droga, normali li tkun fl-inhawi tad-detox! Fi kliem iehor, hawnhekk non si tratta ta' persuna li tinstab fil-pussess tad-droga, izda li ma tabbuzax mid-droga, u li ghalhekk il-probabilita' hija li tmur f'dawn l-inhawi biex tispacca dak li jkollha fuqha, halli persuna li bhall-appellant jinsab fejn id-detox, bid-droga, meta huwa stess jabbuza mid-droga, u ghadu jghix fid-dar mal-genituri tieghu u li ghalhekk seta' facilment jinqabad jekk ma jggorriex fuqu.

Illi inoltre, l-imputat iddepona u ta spjegazzjoni dettaljata fejn spjega c-cirkostanzi kollha li juru li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet intieza esklussivament ghal uzu personali tieghu u fl-ebda hin ma kellu ebda intenzjoni li jittraffika l-istess u come di fatti ebda prova migjuba mill-prosekuzzjoni ma turi li l-appellant kellu l-intenzjoni posittiva u diretta li jittraffika d-droga misjuba fil-pussess tieghu.

Illi jigi sottomess ulterjorment li meta l-Qorti giet biex teroga l-piena naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-istadju avvanzat ta' riabilitazzjoni tal-esponenti u l-fatt illi llum

ghandu impjieg fiss kif ukoll relazzjoni stabbli u rnexxielu jeghleb il-vizzju ghal snin u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, l-esponenti jirriserva anke d-dritt li jitlob social inquiry report u dan l-istadju opportun ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi skont l-appellanti l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Jirrizulta li l-appellanti kien ilu juza d-droga ghal dawn l-ahhar dsatax il-sena u meta tressaq il-Qorti kellu wiehed u tletin sena. Kwindi skont l-appellant l-prezenza tieghu hdejn id-Detox Centre kienet wahda normali billi kien imur hemm biex jiehu 'l hekk imsejha 'mistura'. Il-Pulizija li arrestawh fuq il-post ma rawx lill-appellant jispacca d-droga izda sabu d-droga eroina kemm f'landa tal-helu kif ukoll fil-but tieghu.

Illi l-appellant xehed li hu ma kienx qed jitraffika d-droga izda dik kienet ghal uzu personali tieghu. L-ewwel Qorti osservat korrettament li kieku l-appellant ma kienx jispacca ma kellhux ghalfejn izomm fid-dar residenzjali tieghu sustanzi ohra li jigu uzati meta wiehed irid ibiegh id-droga biex itih izjed 'volum'. Ma hemm ebda dubju li dan il-fatt juri bic-car li hemm indikazzjoni ta' intenzjoni ta' spacc. Mhux talli hekk izda l-fatt li l-qratas misjuba huma ta' piz differenti jagghti wiehed x'jahseb li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellanti xehed li hu kien jizen kull qartas biex ikun cert li jiehu dejjem l-istess doza biex ma jispiccax b'overdose. Tali traskuragni fil-preparazzjoni ta' dawn il-qratas hi sorprendenti.

Illi l-ewwel Qorti dahlet fil-but ta' l-appellant a bazi ta' dak li xehed li hu kien jaqla. Din il-Qorti mhiex ser joqghod tidhol fil-kalkoli matematici ta' l-ewwel Qorti. Wara li analizzathom bir-reqqa l-argumenti migjuba 'l quddiem fis-sentenza appellata huma kondivizibbli u jaghmlu sens.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoniet milqugh mill-ewwel Qorti u ma ghandha xejn aktar x'izzid.

Illi din il-Qorti rat il-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'cirkostanzi normali din hi piena ekwa u gusta. Madankollu, din il-Qorti tixtieq taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura

ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il-Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lil Terry Graham bi kliem car x'jistghu jkunu l-konsegwenzi jekk l-Ordni ta' Probation ma jigix segwit skrupolasament.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------